Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 28/16

**AVVIŻI**

**10 ta' Lulju 2016**

Matul ix-xhur tas-sajf l-Adorazzjoni Ewkaristika ta' nhar ta' Tlieta filgħodu sa tibda ssir fil-Knisja bejn l-10 u nofsinhar. Inħeġġu lil kulħadd biex isib ftit minuti biex jgħaddihom quddiem Ġesù Sagramentat.

Nhar ta' Tlieta bejn il-5.15pm u s-6pm jkun miftuħ il-MUSEUM għat-tfal.

Nhar ta' Ħamis fl-4.30pm jiltaqa' l-kor tat-tfal.
Il-Quddiesa tal-Ħamis filgħaxija tkun bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa. Wara l-quddiesa jkun hemm ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika.

Nhar ta' Ġimgħa filgħaxija ċ-Ċentru jibqa' jkun miftuħ għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Għad fadal xi postijiet għall-*Form 1* fl-iskejjel tal-Knisja. L-applikazzjonijiet sa jintlaqgħu fil-Kurju nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju filgħodu.

Nhar l-Erbgħa filgħodu sa jsir it-tindif tad-dar parrokkjali l-ġdida. Napprezzaw l-għajnuna ta' dawk li jistgħu jiġu jagħtu daqqa t'id.
Dawk li jistgħu jgħinu fil-ġarr tal-għamara jkellmu lill-kappillan mill-aktar fis biex din id-dar tibda tintrama'. Għandna wkoll bżonn għajnuna fil-ħjata ta' purtieri.

Nirringrazzjaw lil dawk li anki fix-xhur sħan tas-sajf jieħdu ħsieb it-tindif tal-Knisja. Nappellaw biex kulħadd jirrispetta x-xogħol li jagħmlu u l-qdusija ta' dan il-post. Ma nħallux skart fil-bankijiet.